# Il-Kobor ta' Marija

Marija Grima

Alla ħalqek, O Marija
U fis ħelsek minn kull dnub,
Bl-oħla grazzja mar iżejnek
Biex tkun l-omm t'Ibnu l-Maħbub.

Ġo fik qiegħed qalb materna,
Kollha ħlewwa w umiltà,
Kollha tjieba u qdusija,
Kollha ġmiel u purità!

Int Marija Verġni Mbierka,
Omm mimlija b'kull virtù,
Inti l-ewwel tabernaklu
Tal-feddej tagħna Ġesù!

Int il-Mara Ewkaristika
Li ġo ġufek int ġarrejt
L-ewwel Ostja kkonsagrata
Minn Alla li tant ħabbejt!

Inti tajtna Ġisem Kristu
L-Iben t'Alla Ħaj Divin,
Biex mis-Salib jiġi mogħti
B'salvazzjoni għall-bnedmin.

Inti il-Bieb għani tal-Ġenna,
Int il-Glorja tas-Smewwiet,
Inti tajtna l-Ħobż tas-Sema
Mimli benna u ħlewwiet!

Inti xemx l-aktar sabiħa,
Inti Warda mis-sbieħ nett,
Kapolavur ta' Alla Sidek
Illi sawrek b'mod perfett!

Inti tiżjin tal-art u s-Sema,
L-oħla Kewba tas-Smewwiet,
L-isbaħ ġawhra li qatt dehret
Int teżor mimli barkiet!

Inti Mara Singulari,
Tal-istess Alla, int l-Omm,
Tal-bnedmin int medjatriċi,
Ġewwa qalbek lilna żżomm!

Tal-Anġli inti foħrija,
Reġina tal-qaddisin,
Qawsalla t'hena, paċi
Kenn u mħabba tal-bnedmin!

Il-Kobor tiegħek Marija
Żgur ma jista' qatt jitqies,
Għax Alla, għamlek Qaddisa
Bi sbuħija ta' bla qies.

**Stephen Deguara**

Airconditioninng and Refrigeration Sales,
Services and Repairs.

Contact Number: 9947 5290
E-mail: stephen.deguara.r1@gmail.com